MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

## ADJUDICATOR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Sitting of the 2 nd May, 2006

Talba Number. 2486/2002

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**John Schembri u b'digriet tas-17 ta` Jannar 2005 giet ordnata l-kjamata in kawza ta` Sun City Limited u b' digriet tal-4 ta` April 2006 it-Tribunal irrevoka contrario imperio d-digriet tas-17 ta`Jannar 2005**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` seba` mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm798.75c) rapprezentanti arretrati ta` kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-anness Dokument A.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi fis-snin indikati fid-Dokument A ipprezentant mill-Awtorita` attrici, l-konvenut ma kienx jirraprezenta lil Sun City Leisure Group u ghalhekk m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-Awtorita` attrici.

Sema` x-xhieda ta` Charles Visanich, Joseph Portelli u Charles Bartolo.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-restaurant San Martino kien qed jigi gestit u ghal dan l-iskop harget licenzja fuq isem John Schembri ghan-nom ta` Sun City Leisure Group. Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi qieghdin jitolbu l-hlas tal-licenzji dovuta lilhom ghas-snin 1999 sa 2002.

M' hemmx kontestazzjoni li fil-fatt tali ammonti ma thallsux, izda qed jigi pretiz li l-ammont m'huwiex dovut, fl-ewwel lok ghaliex mhux dovut mill-konvenut proprio u fit-tieni lok ghaliex l-istabbiliment in kwistjoni inzamm maghluq.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi fil-fatt kien il-konvenut personalment li applika ghall-licenzja in kwistjoni u li fil-fatt tali licenzja harget fuq ismu u dan anke johrog mix-xhieda ta` Joseph Portelli prodott mill-konvenut. Il-konvenuit proprio qatt ma deher ghas-seduti u ma xehedx.

Illi ghalhekk fid-dawl il-provi mressqa fl-atti jirrizulta li huwa l-konvenut li huwa responsabbili ghall-hlas tal-licenzji.

B' danakollu, mill-provi prodotti jirrizulta illi dan ir-restaurant inzamm miftuh ghal madwar sena u erba` xhur taht il-kontroll tal-konvenut u ghalhekk mill-premess jidher illi l-licenzji li huma proprjament dovuti huma dawk tal-1999 u tas-sena 2000. Ma giet prodotta l-ebda prova li fil-fatt ir-restaurant kif miftuh fis-snin 2001 u 2002 u ghalhekk ghar-rigward ta` dawn is-sentejn it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici ghandha tigi michuda. Ma ngabitx prova li l-konvenut talab li jkollu l-licenzji jew fetah r-restaurant matul 2001 u 2002. L-unika spezzjoni li ghamlet l-Awtorita attrici kienet fl-1999.

Illi ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi akkolta ghas-snin 1999 u 2000 izda ser tigi michuda ghall-kumplament tas-snin billi t-talba ma tirrizultax sodisfacentement ipprovata.

Ghas-snin 1999 u 2000 l-*licence fee* komplessiva hija ta` tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm311.25c).

Stante l-premess ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta` tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm311.25c) bl-interessi mill-14 ta` Marzu 2003 (data tan-notifika tal-Avviz). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------